## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Fl-Atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru **390/2023/1 (AD)**

**BIN HAN (KI 524413L)**
**JIA LIU (KI 64215A)**
**LEISURE CLOTHING LIMITED (C 8265)**

**vs**

**L-AVUKAT TAL-ISTAT U**
**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 t'Awwissu 2023**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa provvediment dwar talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure* magħmula permezz ta' rikors datat tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju 2023 (minn issa 'l quddiem ***ir-rikors odjern***), sabiex jiġu sospiżi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tas-sitta (6) ta' Jannar 2023 mogħtija fil-konfront tar-rikorrenti, sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tordna r-

rilaxx tagħhom mill-Faċilita' Korettiva ta' Kordin, taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

**Preliminari u Fatti tal-Każ Odjern**

_Ir-Rikors Promotur_

2. Jirriżulta mill-atti illi r-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-dsatax (19) ta' Novembru 2014 akkużati bir-reati kontemplati fl-Artikoli 17, 18, 31, 121D, 293, 294, 310(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 12 tal-Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 2 tat-tieni parti tat-tieni Titolu u l-Artikoli 45 (1), (2), 47 u 18 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 12 u 22 tal-AL 247/2003 (LS 452.87), kif emendati bl-A.L. 427/2007 u A.L. 259/2012;

3. B'sentenza tal-21 ta' Marzu 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddeċidiet illi tillibera lir-rikorrent Jia Liu mill-akkużi kollha, tillibera lir-rikorrent Bin Han mill-ewwel akkuża, u ssibu ħati fuq l-akkużi l-oħra, għal liema akkużi ġie kkundannat sentejn ħabs sospiżi għal erba' (4) snin. Il-Qorti imponiet ukoll multa ta' mitejn elf Ewro (€200,000) fuq is-soċjeta' Leisure Clothing Ltd;

4. Illi kemm l-Avukat Ġenerali u Bin Han appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2022. Jia Liu ma ppreżentax risposta ta' appell, imma l-legali tiegħu tratta l-appell *viva-voce*;

5. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-sitta (6) ta' Jannar 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell ta' Bin Han, iżda laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali, b'dana illi rriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti b'dan il-mod:

   A. Irrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu Bin Han ġie meħlus mill-ewwel akkuża miġjuba kontrih, u, wara li rat l-Artikoli 248(1)(2)(3),

248E(1)(3)(4A), 17(h), 18 u 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-istess akkuża;

B. Konsegwentement irrevokat il-parti tas-sentenza fejn Bin Han ngħata piena ta' priġunerija ta' sentejn sospiża għal erba' snin, u minflok ikkundannatu għal priġunerija effettiva għal terminu ta' sitt (6) snin;

C. Irrevokat il-parti tas-sentenza fejn sabet lil Jia Liu mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, u wara li rat l-Artikoli 248A(1)(2)(3), 248E(1)(3)(4A), 293, 293, 310(1)(a), 310A, 18, 17(h) u 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 45(1)(2), 47 u 48 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 22 tal-LS 452.87 u l-Artikolu 13 tal-Kap 239 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u kkundannatu għal priġunerija effettiva għal sitt (6) snin;

D. Ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu Bin Han instab ħati tal-akkużi enumerati tnejn (2) sa erbatax (14);

E. Ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu Leisure Clothing Limited ġiet kundannata tħallas multa ta' mitejn elf Ewro (€200,000); u

F. Irrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu Bin Han ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha inkorsi fil-proċeduri, u minflok ordnat illi l-pagament tal-istess spejjeż jinqasam b'mod ugwali bejn Bin Han u Jia Liu fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

G. Wara li rat l-Artikoli 23B(1)(1A), 23(C)(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat il-konfiska tal-assi kollha ta' Bin Han, Jia Liu u Leisure Clothing Company Limited a favur il-Gvern ta' Malta;

6. Ir-rikorrenti qed jikkontendu illi kien hemm proċedura oħra, apparti dik illi ġiet finalment deċiża permezz tas-sentenza tas-sitta (6) ta' Jannar 2023, dwar l-istess fatti, kontra l-istess akkużati u b'numru ta' akkużi illi kienu wkoll identiċi, u cioe l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti b'referenza EP

533/14 DIER 180/14 (DIER Sitting). Għaldaqstant, huma intavolaw ir-rikors promotur quddiem din il-Qorti, illi permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti:

a. Tiddikjara illi l-fatt illi r-rikorrenti ġew ipproċessati fuq l-istess fatti darbtejn, ossia (i) il-proċeduri deċiżi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali permezz ta' sentenza mogħtija fis-6 ta' Jannar 2023, u (ii) proċeduri preċedenti li kienu nbdew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr C Peralta fid-9 ta' Settembru 2014 (Każ Numru 533/14), jilledi d-dritt tagħhom skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni; u

b. Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq, tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluż li tħassar il-proċeduri kollha deċiżi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-6 ta' Jannar 2023 fil-konfront tar-rikorrenti *ab initio*, inkluż is-sentenza konsegwenzjali, bħala irriti, nulli u monki.

*<u>It-Talba għall-Ħruġ ta' Interim Measure</u>*

7. Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed isostnu illi fil-każ in eżami jirriżulta illi hemm ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, li huwa l-aktar prinċipju fundamentali fid-dritt kriminali, u li dan jirriżulta manifestement anke minn qari tal-akkużi maħruġa fil-konfront tar-rikorrenti. Isostnu wkoll illi indubjament jirriżulta wkoll il-preġudizzju rriversibbli li qed isofru r-rikorrenti;

8. Għaldaqstant, permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"jogħġobha tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tas-6 ta' Jannar 2023 mogħtija fil-konfront ta' l-esponenti sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi, u*

*konsegwentement tordna r-rilaxx ta' l-esponenti mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

<u>*Risposta tal-Avukat tal-Istat għar-Rikors Odjern*</u>

9. B'risposta għar-rikors odjern datata tnejn (2) t'Awwissu 2023, l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali oġġezzjonaw għat-talba tar-rikorrenti sabiex tingħata ordni *ad interim* minn din il-Qorti, u dan għas-segwenti raġunijiet:

   a. Ma jeżistux l-elementi meħtieġa sabiex tintlaqa' t-talba kontenuta fir-rikors odjern;

   b. Ir-rikorrenti diġa' ttentaw jiksbu rimedji fi proċeduri oħrajn, ossia Rikors Numru 102/2023 ISB fl-istess ismijiet. Mid-digriet datat 26 ta' Lulju 2023 mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta, kif jirriżulta anke mid-dokumentazzjoni esebita fir-rikors ġuramentat 390/2023/AD, ma jirriżulta bl-ebda mod illi r-rikorrenti ġew ġudikati darbtejn fuq l-istess akkużi. L-akkużi li ħarġu fil-proċeduri 533/2014 (DIER Sitting 180/2014) li jitrattaw parti mill-istess akkużi tal-proċeduri 1128/2014 deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ma ssoktawx, iżda ġew irtirati;

   c. Illi jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali tal-proċess kriminali 1128/2014 (allegat mal-proċeduri 102/2023 ISB) li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ħadet konjizzjoni tal-fatt illi r-rikorrenti ħallsu s-somom li kellhom jagħtu lill-vittmi, u li għalhekk kien ser ikun hemm mitigazzjoni fil-piena;

   d. Illi l-akkużi illi ġew deċiżi jirriżultaw mill-fedina penali tar-rikorrenti (annessa mar-risposta tal-Avukat tal-Istat et għar-rikors odjern bħala **Dok COP**), u huma dawk deċiżi fil-proċeduri 1128/2014;

   e. Illi r-rikors odjern m'huwa xejn ħlief tentattiv sabiex il-prinċipju *res iudicata pro veritate habetur* jiġi mittiefes u mxaqqan bl-aktar mod flagranti.

**Il-Qorti**

10. Wara illi rat l-atti tal-kawża odjerna, inkluż l-atti tal-proċeduri 1128/2014 *The Police vs Bin Han et* inseriti fl-atti tal-proċeduri 102/2023 ISB u allegati mal-atti tal-kawża odjerna;

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-Ispettur Joseph Busuttil, Dr Katrine Camilleri u l-Av Dr Pio Valletta waqt is-seduta tal-Ħamis, tlieta (3) t'Awwissu 2023;

12. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-talba fir-rikors odjern waqt is-seduta tal-Ħamis, tlieta (3) t'Awwissu 2023;

13. Rat illi l-kawża baqgħet differita għas-seduta tal-lum għal provvediment rigward it-talba għal *interim measure* magħmula permezz tar-rikors datat tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju 2023;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Preliminarjament, il-Qorti sejra tindirizza r-referenza illi saret mill-intimati fir-risposta tagħhom għar-rikors odjern għad-digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fir-rikors numru 102/2023 ISB fl-istess ismijiet nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2023. Din il-Qorti tikkjarifika illi dak id-digriet kien jirrigwarda talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tawtorizza korrezzjoni a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'tali mod illi tiżdied klawsola fir-rikors Kostituzzjonali Nru 102/2023 ISB sabiex tirrifletti l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi qed isofru leżjoni tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll illi tiżdied talba fl-istess rigward. L-osservazzjoni illi għamlet din il-Qorti kif diversement presjeduta, riprodotta fir-risposta tal-intimati għar-rikors odjern, ma kinitx osservazzjoni illi kienet tirrigwarda l-mertu tar-rikors odjern, iżda kienet osservazzjoni magħmula fil-lenti ta' dak illi huwa rikjest

sabiex tintlaqa' jew tiġi miċħuda talba ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra xorta waħda tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tar-rikors odjern, indipendentement minn dak illi ddeċidiet din il-Qorti kif diversement presjeduta;

16. Dwar il-mertu, dak illi qegħdin jitolbu r-rikorrenti permezz tar-rikors odjern huwa l-ogħti ta' ordni proviżjonali, jew, kif inhi magħrufa aħjar, *interim measure* jew miżura *ad interim*. Dwar is-setgħa ta' din il-Qorti sabiex tagħti ordni ta' din ix-xorta, ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***[1]:

> *Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proċeduri kostituzzjonali fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll din il-Qorti għandhom is-setgħa li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali [...] jagħtu dawk il-provvedimenti preventivi intiżi sabiex jiżguraw li sakemm tiġi determinata l-kawża kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgħa ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat u effettiv konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap 319* [Art 4(1) u (2)].

17. Hekk ukoll ġie stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sherif Mohamed Shennawyh vs L-Avukat Ġenerali et***[2]:

> *14. Din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u tikkonsidra li hi ġustifikata għas-segwenti raġunijiet.*
>
> *15. L-ewwel Qorti tagħraf li s-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet*

[1] Appell Ċivili Nru 21/2005/1, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Awwissu 2005
[2] Rik Nru 82/2018, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Marzu 2019

*ta' Malta għalkemm ma jipprovdux b'mod speċifiku għall-ħruġ ta' miżuri ad interim, jagħtu s-setgħa b'mod ġenerali lill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li "... tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna ...". Meħud in konsiderazzjoni l-imsemmija provvedimenti tal-liġi, l-insenjament ta' din il-Qorti għalhekk hu li Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali għandhom is-setgħa li joħorġu ordnijiet ta' natura temporanja.*

18. *Interim measures* fil-kuntest tad-drittijiet sanċiti mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew imbagħad definiti bħala,

> *[U]rgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.*[3]

19. Il-Qrati nostrana konsistentement applikaw l-ispirtu ta' din id-definizzjoni ta' miżuri *ad interim* saħansitra anke fil-każ ta' talbiet bħal dawk in eżami mressqa quddiem il-Qrati Maltin. Hekk per eżempju, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***[4]:

> *F'materja ta' l-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom*

[3] *Factsheet* dwar *Interim Measures* maħruġa mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Awwissu 2022 (https://www.echr.coe.int/documents/fs_interim_measures_eng.pdf)
[4] Appell Ċivili Nru 87/2013/1, Qorti Kostituzzjonali, 25 ta' Settembru 2014. Ara wkoll Rik Nru 45/2016, ***Angelo Frank Paul Spiteri***, Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Jannar 2017

*jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel.* [Ara Q. Kost. ***Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali***, 1/7/2013 li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, paġna 113)]. *Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali* [Ara Q. Kost. ***Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et***, 22/8/2005 #7, #11]. *Inoltre, tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi konsidrata taħt l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni isegwi li l-proviso tal-istess subartikolu japplika wkoll għal dik it-talba* [Ara Q. Kost. ***Ryan Briffa v. Avukat Ġenerali***, 3/6/2013 #29] *u li għalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikoli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.*

20. Jirriżulta għalhekk illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza tal-Qrati nostrana illi miżuri *ad interim* ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri, ser ikomplu jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess, b'dana illi ma jkunx jista' jingħata mill-Qorti illi tiddeċiedi dwar l-ilmenti proprja, fil-każ ta' leżjoni, rimedju illi jista' jitqies bħala adegwat u effettiv;

21. Huwa minnu illi allegazzjoni ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem hija possibilment waħda mill-aktar allegazzjonijiet serji illi l-Qorti tista' tiġi rinfaċċjata biha, u dan stante illi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem huma

sagrosanti, u, kif minnhom infushom magħrufa, **fondamentali**, cioe ta' importanza ċentrali sabiex jiġi assigurat għixien dinjituż. Din il-Qorti, bħala Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali, hija l-Qorti illi għandha fuqha l-pressjoni u d-dover primarju illi tindaga, taċċerta ruħha u tikkonferma illi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem qed jiġu rispettati mill-Istat, u tara illi fejn ikun hemm leżjoni l-bniedem jingħata dak illi jista' jiġi kkunsidrat rimedju adegwat u effettiv għal tali leżjoni, u mhux rimedju illi effettivament ma jkun rimedju xejn. Huwa għalhekk illi l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jimponi fuq din il-Qorti s-setgħa (u l-obbligu) sabiex, *inter alia*, *"tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna"*;

22. Madanakollu, dan ma jfissirx illi talba għal miżura *ad interim* għandha tintlaqa' *across the board*, indiskriminatament, jew b'mod leġġer, speċjalment fi stadju fejn hemm biss <u>allegazzjoni</u> ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Li kieku kien hekk il-każ, ikun hemm il-potenzjalita' ta' leżjoni ta' drittijiet fondamentali oħra (inkluż id-dritt għal ġustizzja effettiva fis-sens illi l-proċeduri ġudizzjarji ma jiħdux fit-tul) u/jew stultifikazzjoni bla bżonn tal-proċeduri. Difatti huwa għalhekk illi din il-Qorti tqis, hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, u kif jirriżulta wkoll minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, illi miżuri *ad interim* ma jiġux akkordati kapriċċjożament, iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-ogħti ta' miżura *ad interim* hija l-unika mezz kif jista' jiġi assigurat illi s-sejbien ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem ma tiġix aggravata bil-fatt illi tali leżjoni tkun tħalliet minn din il-Qorti tkompli sseħħ anke *pendente lite*, bil-konsegwenza illi rimedju effettiv ma jkunx jista' jingħata;

23. Tqum il-mistoqsija, iżda, dwar dak illi jikkostitwixxi *"eċċezjonalita' taċ-ċirkostanzi"* illi jippermettu talba għal miżura *ad interim* sabiex tiġi milqugħa. Anke jekk inhuwa insenjament mogħti fil-qafas tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, huwa relevanti (u ġie wkoll applikat u

ċitat b'approvazzjoni mill-Qrati nostrana) dak illi ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Mamatkulov and Askarov v. Turkey***[5]:

> *104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if* ***there is an imminent risk of irreparable damage****. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*
>
> *[...]*
>
> *108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is* ***the preservation of the***

[5] Appl Nr 46827/99 and 46951/99, European Court of Human Rights (Grand Chamber), Reports of Judgements and Decisions 2005-I, 4 February 2005 **(emfasi ta' din il-Qorti).** Ara wkoll ***Shamayev and Others v. Georgia and Russia***, Appl Nr 36378/02, European Court of Human Rights (Second Section), Reports of Judgements and Decisions 2005-III, 12 April 2005, § 473

***asserted Convention right before irreparable damage is done to it**. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State.*

24. Hekk kif tispjega din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et***[6], il-prinċipji enunċjati mill-Qorti ta' Strasburgu ġew applikati wkoll mill-Qrati Maltin, u, xi drabi, estiżi, b'tali mod illi kien hemm istanzi fejn il-Qrati Maltin taw rimedji anke f'sitwazzjonijiet illi fihom il-Qorti ta' Strasburgu ċaħad it-talba għal miżura proviżjonali. B'referenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati nostrana matul is-snin, ġew identifikati f'din is-sentenza ħames (5) elementi illi jistgħu jiġu llum konsidrati bħala *"għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures"*, liema elementi jfakkru u jirriflettu anke dawk l-elementi identifikati f'***Mamatkulov*** suċitata:

1. *"Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent**"*;

2. *"Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ **prima facie ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ**"*;

3. *"Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel.*

[6] Rik Nru 227/2019, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 16 ta' Ġunju 2020. Għalkemm il-mertu kien divers minn dak odjern, il-prinċipji legali sottolineati mill-Qorti għandhom ukoll applikazzjoni għall-mertu tal-każ odjern.

*Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss* ***eċċezzjonalment*** *f'każijiet ta' "****urġenza estrema****"."*;

4. *"L-eżistenza ta'* ***riskju imminenti****, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' interim measure il-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun* ***mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti*** *għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa għat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija"*;

5. *"****Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali****"*;

25. Finalment, din il-Qorti tagħmilha ċara illi l-eżami illi sejra tagħmel rigward dan l-Artikolu, kemm jekk tintlaqa' t-talba odjerna u kemm jekk ma tiġix milqugħa, bl-ebda mod mhu ser jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża proprja. F'każ illi t-talba tiġi miċħuda, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jinstemgħu l-provi u l-argumenti kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u, bl-istess mod, il-fatt illi talba tiġi milqugħa issa lanqas ifisser illi t-talbiet fil-mertu sejrin awtomatikament bilfors jirnexxu. Dan hekk kif ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et***[7]:

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza*

[7] Rik Nru 50/2013, Prim'Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ Joseph R Micallef, 2 ta' Ġunju 2014

*meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha;*

26. Applikati dawn il-prinċipji legali għall-mertu tal-każ odjern, din il-Qorti mhix tal-fehma illi ġew sodisfatti l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja;

27. Hekk kif tajjeb jissottometti l-Avukat tal-Istat, din il-Qorti ma tqisx illi ġie pruvat fuq bażi *prima facie* illi ġie vjolat il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, jew leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Dan prinċiparjament jirriżulta mill-fatt illi minkejja illi r-rikorrenti **ġabu prova illi saru xi seduti quddiem il-Perit Legali f'dak illi jidher illi kien il-Każ Numru 533/2014[8], ma nġabet l-ebda prova illi effettivament il-każ baqa' jinstema'. Infatti, la ġie esebit Rapport finali tal-Perit Legali, u lanqas ġiet esebita xi sentenza u/jew digriet illi juri illi l-każ ġie definittivament deċiż**;

28. Hekk kif issottomettew fit-trattazzjoni finali tagħhom, ir-rikorrenti qed iserrħu t-talba u l-allegazzjonijiet tagħhom fuq:

    (a) xhieda li ngħatat minn **Nigel Xuereb Said** fil-proċeduri fl-ismijiet *Han Bin et vs Avukat tal-Istat et*[9], illi, *inter alia*, xehed illi: (a) min-notamenti tiegħu kien irriżultalu illi kienu nżammu seduti quddiem il-Maġistrat Dr Carol Peralta nhar id-disgħa (9) ta' Settembru 2014, u quddiem Dr Sarah Grech *qua* Perit Legali, maħtura mill-istess Qorti, nhar l-għaxra (10) u l-ħdax (11) ta' Settembru 2014; u (b) li l-proċeduri li kellu d-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) kontra Bin Han u Jia Liu ġew deċiżi nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2017 mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech; u

[8] Annessi mar-rikors promotur bħala **Dok C** a fol 31 *et seq* tal-proċess

[9] Vide traskrizzjoni tax-xhieda fl-atti tal-Każ Nru 102/2023 quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, mogħtija nhar l-14 ta' Lulju 2023

(b) l-ittra spedita mid-DIER lir-rikorrenti, annessa mar-rikors promotur, li tagħmel referenza għal każ illi ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġ Dr Donatella Frendo Dimech nhar it-28 ta' Novembru 2017;

Madanakollu, din il-Qorti tinnota illi skont il-fedina penali esebita mill-intimati mar-risposta tagħhom għar-rikors odjern[10], id-deċiżjoni illi jagħmel referenza għaliha d-DIER fl-ittra lir-rikorrenti tirrigwarda nuqqas tar-rikorrenti bejn il-31 ta' Mejju 2016 u t-30 ta' Ġunju 2016. Dan mentri l-każ numru 533/2014 illi kien beda jinstema' mill-Maġistrat Dr Carol Peralta (u li għalih ġabret xi provi l-Perit Legali Dr Sarah Grech) kien imur lura għal nuqqasijiet tar-rikorrenti <u>qabel</u> l-2014. **Ma nġabet l-ebda prova illi tista', mill-inqas fuq bażi *prima facie*, tikkonvinċi lil din il-Qorti illi s-sentenza tal-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech kienet effettivament tirrigwarda akkużi illi sussegwentement ġew indirizzati u deċiżi wkoll fil-proċeduri 1128/2014**;

29. Mill-banda l-oħra, imbagħad, is-sottomissjonijiet tal-intimati huma konfortati wkoll:

a. Mix-xhieda tal-**Ispettur Joseph Busuttil**[11], illi jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi huwa kien preżenti għas-seduta illi fiha ġew irtirati l-akkużi illi kienu oriġinarjament ħarġu fil-konfront tar-rikorrenti u kienu qed jinstemgħu quddiem il-Maġistrat Dr Carol Peralta, sabiex inħarġu akkużi ġodda nhar id-dsatax (19) ta' Novembru 2014[12] illi rriżultaw fil-proċeduri 1128/2014 deċiżi nhar is-sitta (6) ta' Jannar 2023;

b. Mill-ittra mibgħuta mill-*Vice Squad* lid-DIER datata sbatax (17) ta' Novembru 2014, illi fiha jirriżulta l-intendiment ċar illi jiġu rtirati l-akkużi illi kienu ġia nħarġu fil-konfront tar-rikorrenti u kienu qed jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

[10] Vide **Dok COP** anness mar-risposta tal-intimati għar-rikors odjern
[11] Mogħtija waqt is-seduta tat-3 t'Awwissu 2023 quddiem din il-Qorti, rigward ir-rikors odjern
[12] Vide **Dok JB1** esebita mill-istess xhud waqt is-seduta tat-3 t'Awwissu 2023

presjeduta mill-Maġistrat Dr C Peralta, sabiex jinħarġu akkużi ġodda illi kienu jinkludu wkoll akkużi ta' *human-trafficking*[13];

c. Mix-xhieda ta' **Dr Katrine Camilleri**, illi, bil-ġurament tagħha, ikkonfermat illi kienu ħarġu sett ta' akkużi nhar il-wieħed u għoxrin (21) t'Awwissu 2014, li bdew il-proċeduri fir-rigward ta' dawn l-akkużi f'Settembru 2014, u li sussegwentement l-istess akkużi ġew irtirati sabiex reġgħu nħarġu akkużi ġodda illi kienu jinkludu l-akkużi ta' *human-trafficking*[14]. Gialadarba qed tissemma' x-xhieda ta' Dr Katrine Camilleri, din il-Qorti, in parentesi, tosserva illi minkejja illi x-xhud ġiet mistoqsija jekk tiftakarx illi l-Maġistrat Dr C Peralta kien irtira mill-Ġudikatura qabel il-ferjat tas-Sajf tas-sena 2014, u dan wara illi x-xhud kienet ikkonfermat bil-ġurament tagħha illi hija tiftakar illi s-seduti kollha saru quddiem l-istess Maġistrat, mill-atti tal-proċess numru 1128/2014 jirriżulta illi effettivament il-każ ġie assenjat lill-Maġistrat Dr Ian Farrugia f'Diċembru 2015[15], u li qabel din id-data l-proċeduri baqgħu presjeduti mill-Maġistrat Dr C Peralta. Il-Qorti għalhekk hija aktar inklinata illi temmen il-verżjoni tax-xhud dwar dak illi seħħ fil-proċeduri in kwestjoni, liema verżjoni hija konfortata mill-fatti in atti. In oltre, l-istess xhud tikkonferma wkoll bil-ġurament tagħha illi l-kwestjoni dwar *claims* relatati mad-DIER kienet ġiet sorvolata permezz ta' ftehim milħuq bejn ir-rikorrenti u l-impjegati tagħhom datat tlieta (3) t'Awwissu 2017. Infatti, kienu r-rikorrenti stess illi ppreżentaw fil-proċeduri numru 1128/2014, permezz ta' nota ffirmata mill-Av Dr Pio Valletta datata tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2018[16], kopja ta' dan il-ftehim. Il-Qorti hija għalhekk konvinta illi l-verżjoni mogħtija minn Dr Karine Camilleri hija waħda preċiża u veritiera;

d. Il-Qorti rat ukoll illi, fit-trattazzjoni illi saret fil-proċeduri *Il-Pulizija vs Han Bin et* (1128/2014), il-legali tar-rikorrenti ssottometta, in suċċint, illi r-

---

[13] Vide **Dok JB2** esebita mill-Ispettur Joseph Busuttil waqt is-seduta tat-3 t'Awwissu 2023
[14] Mogħtija waqt is-seduta tat-3 t'Awwissu 2023 quddiem din il-Qorti, rigward ir-rikors odjern;
[15] Vide n-notifika t'assenjazzjoni ta' kawża wara astensjoni jew rikuża, a fol 1501A tal-proċeduri 1128/2014, allegati mal-atti tal-kawża odjerna
[16] A fol 2532 *et seq* tal-proċeduri 1128/2014

rikorrenti ma ngħatawx l-istess trattament ta' *R&A* kif di solito jingħata min jimpjega f'każijiet oħra tad-DIER wara li jkun ħallas il-pagamenti illi jkunu dovuti lill-impjegati tiegħu, iżda ttieħdu proċeduri aktar rigorużi fil-konfront tagħhom peress illi żdiedu l-akkużi ta' *human-trafficking*[17]. Fl-ebda mument fit-trattazzjoni ma ssir referenza għal xi proċeduri oħra illi kienu jirrigwardaw l-istess akkużi illi kienu qed jinstemgħu quddiem l-istess Qorti diversement presjeduta, punt illi kien bla ebda dubju jitqajjem waqt it-trattazzjoni tal-każ li kieku kien hekk il-każ;

30. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti mhix għalhekk konvinta illi ġie pruvat, sal-grad *prima facie*, illi kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

31. Fir-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-provvediment mogħti fl-ismijiet ***Paul Demicoli vs L-Avukat Ġenerali et***[18] sabiex jissostanzjaw l-argumenti tagħhom. Il-Qorti Kostituzzjonali, iżda, ħassret din id-deċiżjoni b'deċiżjoni tat-tmienja (8) t'Awwissu 2023, fejn osservat illi:

> *9. Id-deċiżjoni appellata ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala miżura proviżorja sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Miżura li għandha tingħata biss eċċezzjonalment. Bħala regola sentenzi ta' qrati oħra li jkunu ġudikat m'għandhomx jinġiebu fix-xejn proviżorjament, sempliċement għaliex persuna tiftaħ kawża u tilmenta minn ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.*
>
> *10. Hu fatt li jekk it-talba tal-attur għall-miżura proviżorja tiġi miċħuda, ser jibqa' arrestat sakemm tinqata' l-kawża*

---

[17] Vide trattazzjoni tal-Av Dr Edward Gatt mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2020 fil-proċeduri 1128/2014

[18] Rik Nru 648/2022, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ F Depasquale, 6 ta' Frar 2023 (appellata)

*kostituzzjonali. Però dak il-fatt waħdu mhijiex ġustifikazzjoni suffiċjenti biex qorti oħra minħabba li l-priġunier fetaħ kawża kostituzzjonali, tordna proviżorjament is-sospensjoni ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li hi ġudikat.*

32. Ir-rikorrenti jagħmlu wkoll referenza għall-provvediment mogħti fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et*** suċitat. Minkejja illi l-konsiderazzjonijiet legali japplikaw ukoll għall-każ odjern, iċ-ċirkostanzi illi wasslu lil din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex tilqa' t-talba għal miżura provviżorja kienu diversi minn dawk tal-każ odjern. Infatti, din il-Qorti kif diversement presjeduta bbażat id-deċiżjoni tagħha primarjament fuq il-fatt illi kien irriżultalha mill-atti tal-Inkjesta Maġisterjali esebiti quddiemha stqarrija ta' bint ir-rikorrent, taħt ġurament, illi fil-kawża li fiha r-rikorrent kien instab ħati, kienet għamlet dikjarazzjonijiet inveritieri. Dan kien ġie kkonfermat mill-istess persuna quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta. Il-Qorti infatti stqarret:

*Illi dik il-bidla tal-verżjoni wasslet lill-istess Maġistrat Inkwirenti biex tagħlaq l-inkjesta u biex tirrakkomanda li jittieħdu passi legali kontra l-persuni hemm imsemmija, fosthom bint ir-rikorrent (kwerelant);*

*Illi, bla ma tgħaddi l-fehma tagħha fuq is-siwi jew le tal-kontenut tal-imsemmija stqarrija, il-Qorti tqis li din iċ-ċirkostanza hija waħda minnha nnifisha gravi li taħlaq qagħda li tattiva l-ħtieġa tal-għoti ta' provvediment proviżorju;*

Huwa evidenti għalhekk illi din il-Qorti kif diversement presjeduta kienet motivata mill-ammissjoni ta' persuna illi x-xhieda tagħha kienet wasslet sabiex tiġi imposta fuq ir-rikorrent piena karċerarja, illi x-xhieda tagħha effettivament ma kinitx veritiera. Din il-Qorti kif diversement presjeduta kellha għalhekk evidenza ċara ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-

rikorrent fuq bażi *prima facie*, kuntrarjament għall-każ odjern. Ironikament, f'din is-sentenza ċitata mir-rikorrenti fir-rikors odjern, din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet osservazzjoni illi qajla tagħti konfort lir-rikorrenti fil-każ in eżami, iżda tapplika kjarament għall-każ odjern:

> *Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "pro veritate habetur". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza tibqa' tgħodd;*

33. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma jeżistux l-estremi rikjesti mil-liġi u ġurisprudenza kostanti sabiex tingħata ordni *ad interim*. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** it-talba magħmula permezz tar-rikors odjern.

**Decide**

34. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure*, sabiex tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tas-sitta (6) ta' Jannar 2023 mogħtija fil-konfront tar-rikorrenti, kif magħmula permezz tar-rikors datat tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju 2023.

Bl-ispejjeż ta' dan l-episodju riservat għall-ġudizzju finali.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**